Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL

**SEDUTA NRU. 29**– Il-Hamis 15 ta' Ottubru 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar.
Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Hamis 15 ta' Ottubru 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar.

**Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**29.1 Talba**

29.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

29.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**29.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.4.1 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li fl-aħħar ġranet ġie imħabbar fuq il-media lokali li kien hemm qbil bejn il-Gvern u l-iżviluppaturi ta' Fort Chambray sabiex il-Barracks tal-Ingliżi jiġu protetti u jsiru parti mill-masterplan tal-proġett. Din ċertament hi aħbar pożittiva ħafna anke fid-dawl li l-Kunsill Lokali appoġġja t-talba tal-NGO sabiex dawn il-barracks jiġu skedati. Finalment nittamaw li din il-fortizza ma' tibqax sit ta' kostruzzjoni kif ilu dawn l-aħħar 30 sena iżda jittgawda mill-pubbliku u tingħata attenzjoni immedjata lejn ir-restawr tal-polverista u swar in-naħa tax-Xatt l-Aħmar li jinsabu f'periklu imminenti li jaqgħu. Il-Kunsill laqa' tajjeb ħafna din l-aħbar.

**29.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

29.5.1 Il-Viċi Sindku talab sabiex nibdew il-preparamenti tal-presepju aktar minn kmieni. Ix-xogħol beda u bdew jinżabru s-siġar, tiswija ta' ħitan, ha jinbeda l-kisi, ecc. L-għaqdiet ser jaraw kif jirranġaw il-kmamar tagħhom huma.

29.5.2 Il-Viċi Sindku Joe Debono għamel referenza għall-karozza li ilha pparkjata xhur fl-istess post bil-liċenzja skaduta. Is-Sindku wieġbu li wara l-laqgħa li kellna ma' rappreżentanti tal-LESA u Pulizija ġie deċiż li nibdew il-proċess biex inwaħħlu l-istickers. Qed nistennew il-proċess preċiż mingħand l-avukat ħalli nibdew inneħħu d-*derelict* vehicles.

29.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrimarka biex naraw kif nimplimentaw din l-istess proċedura fin naħa tal-heliport kemm jista jkun malajr.

29.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għat-trimming tal-ħarrub kollu fi triq ta' Lourdes.

29.5.5 Il-Vici Sindku Joe Debono ssuġerrixxa li ngħaddu pompa minn ġol-wied u ngħadduha għal presepju

29.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona li nitolbu lis-soru tagħlaq id-daħla li naddafna biex ma jerġgħux jarmu u jħammġu.

29.5.7 Il-Viċi Sindku Joe Debono stqarr li bħala Football Club ser jixtru wire spejjes tagħhom li jgħadduh mil-latrina sa fejn tal-boċċi, u ser jgħadduh għal ħdejn t-taverna biex ma jkunx hemm problemi ta' dawl waqt l-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Ser iġibu Ingineer biex jagħtihom parir kif ser jgħadduh.

29.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex niżbru s-siġar ta' Triq Sant'Antnin u Triq iż-Żewwieqa.

29.5.9 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għall-ilmenti li rċieva wara li neħħejna ċertu dogbins. Is-Sindku wieġbu li ma kellnix option oħra peress li d-dogbins kienu qed jiġu abbużati u jimtlew bid-domestic waste minflok. Is-Sindku rrefera wkoll għal problema kbira li għandna rigward it-tbattil tal-bins u r-riżorsi li jinħtieġu.

25.5.10 Il-kunsillier Larry Buttigieg propona li l-proposta ta' rikonoxximent lil dawk li taw il-bidu tat-tradizzjoni tal-kostum tal-Balzunetta, inlaqqgħuhom f'xi okkażżjoni u nagħtuhom rikonoxximent żgħir. Sar qbil li għandna ninvoku l-għaqdiet tal-Festa.

**29.6 Korrispondenza**

29.6.1 Ġiet trattata l-istedina mibgħutha mit-taqsima tal-Kultura Għawdex għaċ-ċerimonja tat-tifkira tal-Għarqa li ser tinżamm fuq il-vapur nhar il-Ħadd 25 t'Ottubru.

29.6.2 Ġiet trattata l-korrispondenza rigward opportunita' ta' Kors fl- Animal First Aid. Il-Kunsill qabel li għandu juri l-interess tiegħu li jkun parti.

29.6.3 Ġie trattat ir-rapport mibgħut mill- editur tal-Facebook page Għajnsielem Cats fejn għaddejnih lill-avukat għax milli jidher dan il-persuna qed jagħmel ħafna rapporti nforndanti fuq is-social media mhux biss fuqna iżda fuq diversi oqsma fil-lokal.

## 29.7 Halloween

29.7.1 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-attivita' peress li kellna tnaqqis drastiku fil-fondi allokati għal din l-attivita'. Sar qbil li għandna nimxu strettament mal-budget allokat billi nżejjnu l-kamra bid-dawl u sound u karattri iżda nħallu barra l-animazzjoni live.

29.7.2 Is-Sindku propona li din is-sena għandna nintroduċu l-attivita' tat-Trick or Treat f'Għajnsielem billi noħorġu avviż sabiex dawk id-djar li jixtiequ jkunu fil-Mappa tat-Trick or Treat jirreġistraw ir-residenza tagħhom u ninkluduha fil-mappa biex it-tfal ikollhom gwida fejn jinsabu dawn id-djar.

29.7.3 Il-Kunsill qabel li din l-attivita' għandha flimkien mal-Haunted Garden i ssir nhar is-Sibt 31 t'Ottubru mill-4:00pm 'l quddiem.

## 29.8 Milied u Bethlehem f'Għajnsielem

29.8.1Wara il-laqgħa tal-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem li saret nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru ġie imfassal il-programm tal-Milied u Bethlehem bi qbil ma' kulħadd. L-inawgurazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem ser tkun nhar is-Sibt 12 ta' Dicembru u jintemm bil-festa tal-Maġi nhar it-3 ta' Jannar 2027.

29.8.2 Ġie kkonfermat li l-Kunsill se jingħata €17,000 mill-Ministeru għal Għawdex u €12,000 mill-iskema tal-Milied mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali filwaqt li ser jingħata għajnuna finanzjarja mill-MTA ta' €6,000 u sponsor ta' €2,000 minn Ewropa Krejattiva. Ġie kkonfermat ukoll li Paul Mallia Hardware Store ser jisponsorja l-ipprintjar tal-mappa tad-dħul ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Dan il-budget jinħtieġ li jkopri l-ispejjez kollha tal-Milied inkluż tiżjin fit-toroq u madwar s-siġra tal-Milied, l-Għajnsielem Christmas Tree, Santa's village u dak kollu koness ma' Bethlehem f'Għajnsielem inkluż ħsarat li saru matul is-sena.

29.8.3 Bħala ħaddiema tal-Ministeru diġà ntbgħat team għal għajnuna fil-kostruzzjoni u tindif.

29.8.4 Il-Kunsill qabel li l-kalendarju proviżorju għall-ħinijiet tal-ftuħ ta' Bethlehem f'Għajnsielem u festi tal-Milied huwa dan :-

| **Bethlehem f'Għajnsielem 2026** :- | |
|---|---|
| Is-Sibt, 12 Diċembru | 2.30pm - 7.00pm |
| Il-Ħadd, 13 Diċembru | 3.00pm - 7.00pm |
| L-Erbgħa, 16 Diċembru | 9.30am - 12.00pm |
| Is-Sibt, 19 Diċembru | 4.00pm - 7.00pm |
| Il-Ħadd, 20 Diċembru | 3.00pm - 7.00pm |
| Il-Ġimgħa, 25 Diċembru | 4.00pm - 7.00pm |

| **Bethlehem f'Għajnsielem 2026 :-** | |
|---|---|
| Is-Sibt,, 26 Diċembru | 2.30pm - 7.00pm |
| Il-Ħadd, 27 Diċembru | 2.30pm - 7.00pm |
| It-Tnejn, 28 Diċembru | 2.30pm - 7.00pm |
| Il-Ġimgħa, 1 Jannar | 4.00pm - 7.00pm |
| Il-Ħadd, 3 Jannar | 2.00pm - 7.00pm |

**Attivitajiet Milied 2026:-**

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru | Mixgħela tat-tiżjin tal-Milied |
| It-Tnejn, 7 ta' Diċembru | Ikla Nar u Sinfonia del Sol fl-iskola Primarja |
| It-Tlieta, 8 ta' Diċembru | Ħruġ tal-istatwa ta' Ommna Maria Lawretana minn niċċa |
| L-Erbgħa, 9 ta' Diċembru | Velja għad-dawl tax-xemgħa animata għaż-żgħażagħ. Mistednin b'mod partikulari ż-żgħażagħ 18+. |
| Il-Ħamis, 10 ta' Diċembru | Festa Liturġika - Jum Għajnsielem - Quddiesa |
| Il-Ħamis, 10 ta' Diċembru | Mixgħela Siġra tal-Milied |
| Il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru | Ġieħ Għajnsielem |
| Il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru | Attivita tal-Milied Anzjani |
| Is-Sibt, 12 ta' Diċembru | Ftuħ Bethlehem f'Għajnsielem |
| It-Tlieta, 15 ta' Diċembru | Tibda in-Novena tal-Milied fil-Knisja. |
| It-Tlieta, 15 ta' Diċembru | Primary School Christmas Concert Celebration Day |
| L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru | Żjara tal-iskejjel f' Bethlehem |
| Is-Sibt, 19 ta' Diċembru | RUST BMX Christmas Competition |
| Il-Ħadd, 20 ta' Diċembru | Kunċert Alljievi - Bethlehem f'Għajnsielem |
| L-Erbgħa, 23 ta' Diċembru | Festa għat-tfal |
| Il-Ħamis, 24 ta' Diċembru | Attivita Santa madwar is-Siġra tal-Milied |
| Il-Ħamis, 24 ta' Diċembru | Santa jqassam ir-rigali fid-djar |
| Il-Ħamis, 24 ta' Diċembru | Dimostrazzjoni bil-Bambin - Museum |
| Il-Ħamis, 24 ta' Diċembru | Funzjoni Lejlet il-Milied |
| Il-Ġimgħa, 25 ta' Diċembru | Il-Milied |
| Is-Sibt, 26 ta' Diċembru | Sinfonia - Treasure hunt |
| Is-Sibt, 26 ta' Diċembru | Kunċert - Virgo Choir |
| Il-Ħadd, 27 ta' Diċembru | Christmas Lunch tal-parroċċa ġewwa l-Grand Hotel |
| It-Tnejn, 28 ta' Diċembru | Żjara f'Dar San Ġużepp u Aktar Żjajar fid-djar tal-anzjani |
| It-Tnejn, 28 ta' Diċembru | Żjarat mill-Kunsilliera lil Anzjani fid-djar |
| Il-Ħadd, 3 ta' Jannar | Adorazzjoni tal- Magi |

## 29.9 Update Proġetti

Ġiet preżentata update tal-progetti li għandna għaddejjin:-

29.9.1 **Triq Ħamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.

29.9.2 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u illuminazzjoni quddiem il-każini.**

- Il-Materjal wasal. Waqt il-laqgħa ġie deċiż fejn ser jitwaħħlu eżatt sabiex il-Kuntrattur japplika għal permess tat-trenching u jinbeda' x-xogħol.

29.9.4 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Aktar minn 75% ta' dan il-proġett huwa komplut. Ġejna infurmati mill-Perit li se jsiru variations u modifiċi fil-proġett oriġinali sabiex parti minn din il-ġibja tintuża bħala trapping għal ħmieġ u terrapien qabel l-ilma jmur fil-ġibja tal-playingfield Amabile Cauchi u finalment dawn iż-żewġ proġetti joperaw flimkien bħala ilqugħ u presevazzjoni tal-ilma.

29.9.5 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Beda ix-xogħol fuq il-M&E. Madanakollu ix-xogħol miexi b'rittu mgħaġġel u għaddejjin diskussjonijiet mal-iżviluppatur u ma Project Green sabiex dan il-proġett jitlesta fiż-żmien stipulat.

29.9.6 **Bini Arkata**

- Qed nistennew mill-Perit it-tfassil tal-ġebel wara li sar survey. Il-Kunsill Lokali applika għal estensjoni mal-Bord tal-Iżvilupp fi ħdan l-Awtorita tal-Ippjanar għall-estenzjoni tal-Fondi minħabba li ser jiskada il-perjodu oriġinali. Ix-xogħol dam ma' beda minħabba d-dewmien fit-tindif tal-Wied mill-Gvern Ċentrali.

29.9.7 **Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar ġiet sottomoessa.
- Qed nistennew mill-Lands 'No objection'
- Għalissa il-proġett xorta se jkun wieqaf sakemm jinstabu fondi neċċesarji.

29.9.8 **Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Saret talba mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-bilanċ ta' dan il-proġett imorru fuq il-proġetti tal-Arkata, Lourdes u Tarag antik għax milli jidher dan il-proġett ser jieħu ħafna fit-tul. Għadna qed nistennew l-eżitu ta' din l-applikazzjoni.

29.9.9 **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Ix-xogħol mistenni jibda f'Diċembru jew Jannar peress li ser ikun hemm xi tiġijiet pjanati u biex ma jispiċċax sit ta' kostruzzjoni.

29.9.10 **Pjazza Madonna ta' Loretu u Kampnar**

- L-specifications tat-tender tal-Pjazza huwa lest u jinsab fl-aħħar fażi tiegħu sabiex jiġi ppublikat. Il-proġett tal-kampnar se jiġi amministrat mill-parroċċa filwaqt li l-Kunsill jkun partner u jitnużaw kif approvat fl-aħħar laqgħa l-fondi tad-DPF tal-Awtorita tal-Ippjanar.

**29.10 Ġieħ Għajnsielem**

29.10.1 Wara li r-rebbieħ magħżul fl-aħħar laqgħa ssugerixxa li dan il-Premju għandhu jingħata lil persuna oħra, il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ħass li xorta għandu jgħaddi l-Gieħ lilu peress li huma bosta n-nomini oħrajn li ħaqqhom Ġieħ Għajnsielem 2026 u għalhekk il-Kunsill baqa' mad-deċiżjoni oriġinali dik li r-rebbieħ ta' din is-sena jkun l-eks Sindku Franco Ciangura.

**29.11 Ġita fi Sqallija**

29.11.1 Is-Sindku spjega kif din il-ħarġa ntlaqghet tajjeb hafna u mxejna mal-orhos operatur , Sqallija ma' Ron,li tagħna prezz ta' €85 kull persuna inkluz it-trasport u l-ikel fi Sqallija. Il-prezz totali nkluz it-trasport minn Ghajnsielem u lura għal pubbliku ser ikun dak ta' €110 biex inkopru l-ispejjes kollha nkluż il-vapur.

**29.12 Installazzjoni tat-telephone box**

29.12.1 Is-Sindku għamel referenza għall-ilmenti li rċevejna mingħand is-sidien ta' fejn kienet proposta li titpoġġa. Il-Kunsill iddiskuta xi options oħra u ġie deċiż li nagħmluha fil-ġnien ta' quddiem l-iskola qrib il-Posta.

**29.13 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

29.13.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 158 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**29.14 Materji oħra**

29.14.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**29.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

29.15.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 12 ta' Novembru 2026 fit-2:30 ta' wara nofsinhar.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**